**16 ta' Lulju, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Wallace Ph. Gulia B.A., LL.D., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin) (Manch) D.P.A.(Lond)**

Il-Pulizija

*versus*

Raymond *sive* Ray Attard

**Evazzjoni ta' Dazju – Konfiska ta' Oġġetti Indipendentement mill-Ħtija**

*Jekk jirriżulta illi oġġett ġie żbarkat u li fuqu għalkemm kien dovut li jitħallas dazju ma tħallas xejn, allura indipendentement mill-ħtija ta' l-akkużat u/jew il-buona fede tiegħu, dawn l-oġġetti għandhom dejjem jiġu konfiskati. Ir-raġuni tal-liġi tad-dwana mhix ir-raġuni u l-loġika normali iżda l-loġika ta' "Dura lex sed lex" kif kienet ippronunzjata Ruma.*

Il-Qorti: – Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tas-26 ta' Settembru, 1989, fl-ismijiet il-Pulizija (Spt. Paul Sammut) *vs* Raymond *sive* Ray Attard fuq l-imputazzjonijiet talli fis-26 ta' Frar, 1988 bl-iskop li jevadi d-dazju, importa f'Malta oġġetti li ma jaqblux mad-dikjarazzjoni tagħhom (*Customs Entry*) u ma' l-*invoice* kif murija fin-Nota ta' Qbid Numru 17/89 valur Lm1,096, dazju Lm708.62 u dana bi ksur ta' l-art. 18, 61 u 62 (a)(i)(m) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, li biha ma sabitx lill-imputat ħati skond l-akkuża u lliberatu minn kull

imputazzjoni u ħtija iżda rigward l-konfiska però l-Qorti għamlet riferenza għal kawża fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Raymond Debono"** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Lulju, 1988 *fejn qalet illi l-art.60 irid jiġi* kkunsidrat independentement minn artikoli oħra u jekk jirriżulta illi oġġett ġie żbarkat u li fuqu għalkemm kien dovut li jitħallas dazju ma tħallas xejn, allura independentement mill-ħtija ta' l-akkużat u/jew il-*buona fede* tiegħu, dawn l-oġġetti dejjem jiġu kkonfiskati;

Verament, din il-Qorti, kif presjeduta ma taqbilx ma' dan ir-raġunament peress illi persuna ddikjarata innoċenti tkun ser tiġi penalizzata xorta waħda għal reat li ma tkunx għamlet. Barra minn hekk, minn imkien ma jirriżulta li l-art. 60 għandu jinqara independentement minn artikoli oħra fl-istess Ordinanza. L-Ordinanza tad-Dwana hija liġi waħda b'artikoli interdependenti għal xulxin bħal *del resto* huma l-liġijiet kollha tal-kodiċijiet tagħna. It-tagħlim tad-dritt Ryman li *"Lex semper intendit quod convenit ratione"* – Il-liġi għandha dejjem tiftiehem li tkun raġonevoli – għandu japplika għal dan il-każ, għax ovvjament mhux raġonevoli li persuna ddikjarata innoċenti tiġi penalizzata għall-istess reat. Dana minbarra kwistjonijiet kostituzzjonali li jistgħu jew ma jistgħux jinqalgħu konsegwenza ta' tali interpretazzjoni;

Però a skanz ta' konflitt fil-ġudizzju u b'deferenza għall-pronunċjament reċenti minn Qorti ta' reviżjoni, il-Qorti ma *tħossx li għandha triq ħlief li ssegwi d-direttiva awtorevoli tal-*Qorti ta' l-Appell u ordnat il-konfiska ta' l-oġġetti **kollha** murija fin-"Nota ta' Qbid" numru 17/1989;

Rat ir-rikors ta' l-Appell ta' Raymond Attard;

*Omissis;*

Fil-fatt il-Qorti tal-Maġistrati bbażat il-konfiska fuq deċiżjoni fl-ismijiet "Il-Pulizija *vs* Raymond Debono" Appell 28 ta' Lulju, 1988, li kienet sostniet li l-art. 60 tal-Kap. 37 irid jiġi kkunsidrat indipendentement minn artikoli oħra u jekk jirriżulta illi oġġett ġie żbankat u li fuqu għalkemm kien dovut li jitħallas dazju ma tħallas xejn, allura indipendentement mill-ħtija ta' l-akkużat u/jew il-*buona fede* tiegħu, dawn l-oġġetti għandhom dejjem jiġu kkonfiskati;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi hija taqbel mad-deċiżjoni ta' dina l-istess Qorti diversament fl-ismijiet il-Pulizija *vs* Raymond Debono, tat-28 ta' Lulju, 1988, u dan mhux bħala kwistjoni li qed issegwi preċedent, iżda bħala kwistjoni ta' loġika, fl-interpretazzjoni tal-kliem tal-liġi, l-iktar ċar, li juri li dik kienet l-intenzjoni tal-leġislatur;

"60 (a) Jekk oġġetti għall-ħlas ta' dazju jkunu żbarkati, minn bastiment f'Malta, mingħajr ma jkun ġie qabel imħallas jew ikkawtelat id-dazju ta' importazzjoni;

(b) Jekk oġġetti li tagħhom hija pprojbita l-importazzjoni jiġi importati jew imdaħħlin f'xi parti ta' Malta;

F'kull każ bħal dan, l-oġġetti hawn fuq imsemmija għandhom jiġu kkonfiskati, flimkien ma' l-oġġetti l-oħra kollha

li jkunu jinsabu ppakkjati magħhom, jew li jkunu ġew użati biex jaħbuhom'';

Il-liġi tgħid **''f'kull każ''**, li kieku riedet tillimita kienet tkun l-eħfef ħaġa biex tillimita billi torbot ma' l-intenzjoni ta' l-importatur;

Meta artikoli, interdependenti, kif ikunu f'liġi waħda jew fil-kodiċi, għandhom sens loġiku u univoku, dak is-sens għandu jipprevali fuq kwalsiasi interdependenza, partikolarment fejn, *bħal f'dan il-każ, l-interdependenza tidher immedjatament* eskluża, mill-kliem ta' l-artikolu li jkun;

Ir-raġuni tal-liġi tad-dwana mhiex ir-raġuni u l-loġika normali, iżda l-loġika ta' *''Dura Lex Sed Lex''* kif kienet ippronunzjatha Ruma;

L-artikolu 72 huwa artikolu li japplika paralellament ma' l-artikolu 60 u mhux f'konflitt miegħu;

Għad li d-dipartimenti tal-Gvern fis-sistema tagħna, huma wieħed separat mill-ieħor, b'dana kollu jifformaw parti mill-istess Gvern. It-Teorija amministrattiva, almenu, ċertament ħolqot makkinarju biex dawn il-persuni differenti jimxu u jitkellmu bl-istess intendiment, ħaġa li l-*buon* sens jitlob u jinneċessità;

Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma ssibx motiv għaliex għandha tilqa' *l-appell ta' l-appellant rigward il-kwistjoni tal-konfiska ta'* l-oġġetti speċifikati fis-sentenza;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Li l-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali, irid jagħti lis-suspett ta' kollużjoni bejn l-akkużat u xi ħadd barra minn Malta, il-forza ta' prova. Tissuspetta kemm tissuspetta dwar suspett, suspett jibqa'; jekk dak is-suspett ma jkunx imsaħħaħ mill-bidu ta' xi prova. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma ssibx motiv għaliex għandha tiddisturba d-deskrizzjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward tan-nuqqas ta' ħtija ta' l-appellant Raymond *sive* Ray Attard, u konsegwentement tirrespinġi l-appell ta' l-Avukat Ġenerali, u tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fl-ismijiet "il-Pulizija *vs* Raymond *sive* Ray Attard tas-26 ta' Settembru, 1989 li dwarha sar l-appell ta' l-Avukat Ġenerali.